MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### ANNA FELICE

Seduta tat-18 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 1009/2005

**L-Avukat Dottor Edward Zammit-Lewis bhala l-mandatarju ta' l-assenti Jenny Boyce li hija legittima amministrattrici tal-beni u l-interessi tal-minuri eredi Luke Boyce, l-Avukat Dottor Roberto Montalto bhala l-mandatarju ta' l-assenti Diane Farrugia, Carmen Bonavia, Joanne Callus, Paul Polidano u Claire Polidano**

**vs**

**Middle Sea Valletta Life Assurance Co. Limited (C15722)**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn Dr. Edward Zammit Lewis bhala l-mandatarju ta' l-assenti Jenny Boyce li hija legittima amministrattrici tal-beni u l-interessi tal-minuri eredi Luke Boyce, l-Avukat Dottor Roberto Montalto bhala l-mandatarju ta' l-assenti Diane Farrugia, Carmen Bonavia, Joanne Callus, Paul Polidano u Claire Polidano li permezz taghha, wara li gie premess illi:

L-atturi huma l-eredi legittimi u universali tad-decujus John Polidano.

Id-decujus John Polidano Vella kellu f'ismu 'Life Insurance Policy' bin-Numru FP 409054 li kellha tithallas mis-socjetà assikuratrici konvenuta mal-mewt tieghu lill-eredi rispettivi tad-decujus.

Wara l-mewt tad-decujus, nonostante illi l-attur interpellaw lis-socjetà assikuratrici konvenuta diversi drabi u anke permezz ta' ittra ufficcjali datata 3 ta' Frar 2004 sabiex thallas ai termini tal-polza hawn fuq indikata din baqghet inadempjenti u irrifjutat illi tonora tali polza minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Ghalhekk illi l-atturi ma baqghalhomx triq ohra ghajr illi jipprocedu kontra s-socjetà konvenuta halli din tigi kkundannata minn din il-Qorti thallas ai termini ta' tali polza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tipprevja kull dikjarazzjoni li hija thoss li tkun opportuna fic-cirkostanzi, tiddikjara illi d-decujus John Polidano kien kopert ai fini u effetti kollha tal-ligi permezz tal-polza hawn fuq indikata.

2. Tiddikjara illi l-polza tal-assikurazzjoni in disamina hija assolutament wahda valida ai fini u effetti kollha tal-ligi.

3. Tiddikjara illi s-socjetà assikurattrici konvenuta ghandha l-obbligu illi thallas lill-atturi a bazi tal-istess polza tal-assikurazzjoni.

4. Tiffissa l-valur u dana a bazi tat-termini stabbiliti fl-istess polza assikurattiva.

5. Tikkundanna lis-socjetà assikurattrici konvenuta thallas il-valur hekk iffissat lill-attur.

Bl-ispejjez (inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 3 ta' Frar 2004), bl-imghax skond il-ligi u rapprezentanti, diretturi u mpjegati tas-socjetà assikuratrici konvenuta minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjetà konvenuta li in forza taghha gie eccepit illi:

L-atturi ghandhom igibu l-prova dokumentarja li turi min huma l-eredi tad-decujus John Polidano.

L-attrici Jenny Boyce ghandha tipprova li hija l-legittima amministrattrici tal-beni u l-interessi tal-minuri eredi Luke Boyce.

L-atturi ghandhom jipprovaw illi l-avukat Dottor Edward Zammit-Lewis huwa l-mandatarju tal-assenti Jenny Boyce u illi l-avukat Dottor Roberto Montalto huwa l-mandatarju tal-assenti Diane Farrugia, Carmen Bonavia, Joanne Callus, Paul Polidano u Claire Polidano jew ta' min minnhom l-avukat Dottor Roberto Montalto huwa l-mandatarju minhabba illi ma jirrizultax car mill-okkju tac-citazzjoni min mill-atturi huwa assenti.

Minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-meritu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi fiz-zewg okkazjonijiet meta d-decujus ikkompleta r-Revival Application Form, cioe' fil-31 ta' Ottubru 2001 u fil-5 ta' Jannar 2002, huwa naqas milli jizvela l-fatti kollha materjali li kienu jirrigwardaw l-istat ta' sahhtu u sahansitra ghamel "misrepresentation" fil-fatti importanti u materjali u dan kif aktar ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

In vista ta` dak premess, id-decujus John Polidano permezz tan-nuqqasijiet serji da parti tieghu fejn naqas li jizvela dak li hu tenut bil-ligi li jizvela renda l-polza tal-assikurazzjoni nulla u bla effett u ghalhekk is-socjetà konvenuta ma hija tenuta thallas ebda ammont.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti.

Semghet ix-xhieda viva voce, u rat l-affidavit prodotti.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Permezz ta’ din il-kawza, l-atturi, li jsostnu li huma werrieta ta’ John Polidano, qed jitolbu lil Middlesea Insurance thallas a bazi ta’ assikurazzjoni fuq il-hajja tad-decujus. Middlesea Valletta Life Assurance qeghda tirrifjuta li taghmel dan ghaliex, skond l-istess socjetà, John Polidano kien heba fatti rilevanti ghall-istat ta’ sahhtu meta kien mela zewg revival application forms.

Jibda biex jinghad illi l-atturi qeghdin issejsu t-talbiet taghhom fuq il-kwalità taghhom ta’ eredi ta’ John Polidano. Dan ma gie b’ebda mod pruvat lil din il-Qorti ghajr minn Jenny Boyce bhala amministrattrici tal-beni tal-minuri Luke Boyce. Ma jirrizulta minn ebda dokument in atti illi l-atturi l-ohra huma werrieta ta’ John Polidano, u ghalhekk fil-konfront ta’ Diane Farrugia, Carmen Bonavia, Joanne Callus, Paul Polidano u Claire Polidano it-talbiet qeghdin jigu michuda minnufih.

> *“In tema legali jinsab stabbilit fid-dritt ġudizzjarju ċivili li l-interess hu l-miżura ta’ l-azzjoni (Vol. XXXVII. II. 608); u rrekwiżit ta’ l-interess hu ndispensabbli għall-proponibilita’ ta’ domandi fi kwalunkwe sedi ta’ ġurisdizzjoni kontenzjuża (Vol. XXVII. I. 507). L-interess hu l-bażi ta’ l-azzjoni (Vol. XXIX. I. 891); u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess (Vol. XXX. I. 317). L-attur fil-ġudizzju jrid ikollu nteress jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment tagħha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaċi li tipproduċi riżultament vantaġġjuż jew utili għal min*

*jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta. U l-interess irid ikun ġa twieled u jrid ikun attwali, biex jiġġustifika l-azzjoni (Vol. XXXIII. I. 108; VOL. XXXVII. I.*

*57; XXXVII. II. 608). Biex wieħed jipproponi domanda f'ġudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bżonn illi jkollu nteress fiha, jiġifieri hemm bżonn illi d-domanda ġġiblu riżultat utili; liema nteress irid ikun leġittima u konkret (Vol. XXVIII. II. 317)" (Appell: Pietro Paolo Borg v. Giuseppe Caruana: 3.12.1984; Vol. LXVIII. II. 233)."*

Jirrizulta illi fil-31 ta' Jannar 2001 John Polidano kien ipprezenta "proposal form" ghall-hrug ta' polza tal-assikurazzjoni fuq il-hajja tieghu. Intalab jissottometti ruhu ghall-ezamijiet medici. Dawn saru mit-tobba Jurgen Abela u Eddie Rapa, li t-tnejn iccertifikaw li John Polidano ma kienx meqjus "First Class Life". Middlesea Valletta Life Assurance ('il quddiem issir referenza ghaliha bhala Middlesea) wara li ghamlet l-accertazzjonijiet u l-kalkoli taghha harget il-polza li l-premium fuqha kellu jithallas kull tlett xhur. Dan kien fis-27 ta' Marzu 2001. Il-polza kienet tinkludi s-segwenti kundizzjoni:

*"Revival of Lapsed Policies - If premiums are not paid within one month of its due date as shown in the Schedule this Policy will lapse. It may be revealed within one year from the date of lapse provided that all premiums and interest thereon are paid and that satisfactory evidence of the Life Assured(s) continued eligibility for assurance is produced without expense to the Company."*

(ara dokument esibiti in atti a fol. 64 et seq.).

F'zewg okkazjonijiet, John Polidano naqas li jhallas il-premium dovut fil-hin u ghalhekk fiz-zewg okkazjonijiet kellu jimla "revival application forms", (esibiti in atti a fol. 11 et seq.). Fihom huwa wiegeb "No" ghall-mistoqsijiet.

*"Since the acceptance of the proposal for this policy:-*

*Have you consulted any doctor, person, hospital or any other institution concerning your health?*

*Have any circumstances, however, insignificant, occurred which may affect the risk of an assurance on your life? Eg. Changes in smoking/drinking habits, use of drugs, taking up of hazardous pursuits?"*

Wiegeb "*Yes*" ghall-mistoqsija "*Have you enjoyed good health*?" Iz-zewg revival forms kienu datati 31 ta' Ottubru 2001 u 5 ta' Jannar 2002.

Jirrizulta wkoll illi fit-23 ta' Ottubru 2001 id-decujus kien ikkonsulta mal-Prof. Stephen Montefort minhabba xi problemi respiratorji. F'dak iz-zmien kienet digà saritlu dijanosi ta' "carcinoma" fil-vocal chords mill-ispecjalista Dr. Eric Farrugia kien ukoll digà sarlu CT Scan li wera li kellu tumur fil-bronchi u fil-pulmun (ara affidavit tal-Prof. Montefort a fol. 176). Fl-24 ta' Ottubru 2001, saritlu "bronchoscopy" li wriet tumur kbir fil-bronchi. Gie suggerit lilu li jikkonsulta mal-onkologu Prof. Stephen Brincat, li ezaminah fl-istess jum. L-ghada, 25 ta' Ottubru 2001, beda programm ta' "radiotherapy" li spicca fil-21 ta' Dicembru 2001 (Ara affidavit ta' Prof. S. Brincat u d-

dokumenti mieghu annessi a fol. 179). Dawn il-provi ma gew kontradetti b'ebda mod. John Polidano miet fid-19 ta' Frar 2002.

In linea ta' principju il-Qorti tirreferi ampjament ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Sammut vs MiddleSea Insurance plc (14 ta' Mejju 2004) fejn gie ritenut illi:

*""Polza ta' assikurazzjoni tohloq relazzjoni bilaterali bejn il-kontraenti fejn, in konsiderazzjoni tal-hlas ta' premium mill-assikurat lis-socjetà assikuratrici, dik l-istess socjetà tintrabat li tindenizza lill-assikurat taghha fl-eventwalità li dan jsofri xi telf bhala rizultat ta' event dannuz kopert bl-istess polza ta' assikurazzjoni. L-element principali f'dan it-tip ta' kuntratt huwa r-riskju, liema riskju tassumieh s-socjetà assikuratrici.*

*"F'dan is-sens, ghalhekk, dan huwa kuntratt bilaterali b'titolu oneruz in kwantu l-kontraenti jirregolaw l-obbligazzjonijiet ta' bejniethom billi bil-hlas ta' premium da parti tal-assikurat tiskatta l-obbligazzjoni ta' indennizz da parti tas-socjetà assikuratrici. In kwantu polza ta' assikurazzjoni hija kuntratt jehtieg li jigu sodisfatti r-rekwiziti generali tal-kuntratti u cioé li l-kontraenti jkunu kapaci jikkuntrattaw u li jaghtu l-kunsens taghhom. Inoltre l-oggett tal-kuntratt jrid jkun determinat u lecitu.*

*"Kif inghad hawn fuq bil-hrug tal-polza ta' assikurazzjoni s-socjetà assikuratrici tassumi l-obbligu li tindenizza lill-assikurat taghha ghall-event futur dannuz. Din l-obbligazzjoni ghalhekk hija wahda kazwali billi taghmel l-*

*obbligazzjoni tiddipendi minn grajja ta' bla hsieb li ma tkunx fis-setgha la tad-debitur u lanqas tal-kreditur (Art.1053 (I), Kodici Civili).* ***Minhabba l-incertezza insita f'dan il-kuntratt huwa mehtieg grad gholi ta' bona fede u partikolarment da parti ta' min ikun talab l-hrug tal-polza. Dana billi b'dak il-mod biss is-socjetà assikuratrici tista' ssir konsapevoli mic-cirkostanzi kollha insiti fir-riskju sabiex taghzel li tiehu dak ir-riskju kif ukoll tistabilixxi "premium" adegwat. Din il-bona fede li tiddistingwi dan il-kuntratt bhala wiehed ta' uberrimae fidei hija mehtiega f'kull tip ta' polza ta' assikurazzjoni*** *(enfasi ta' din il-Qorti) billi, kif gie ritenut minn Lord Scrutton fil-kaz "Greenhill v Federal Insurance Co. (1927) : "Now insurance is a contract of the utmost good faith, and it is of the gravest importance to commerce that this position be observed. The underwriter knows nothing of the particular circumstances of the voyage to be insured. The assured knows a great deal, and it is the duty of the assured to inform the underwriter of everything that he is not taken as knowing, so that the contract may be entered into on an equal footing." Infatti kif gie ritenut fil-kaz "Pickersgill v London & Prov. Marine" (1912): "The duty to make a full disclosure proceeds from an implied term in the contract precedent to the insurers liability."*

L-istess Qorti fil-kawza Briffa vs Camilleri (9 ta' Frar 2001) sostniet:

*"il-kuntratt ta' assigurazzjoni hu wiehed ta' uberrimae fidae u l-kontraenti ghandhom ikunu bil-massima bona fede meta jiffirmawh."*

*"Il-principju hu li 'the potential parties to an insurance contract are bound to volunteer to each other before the contract is concluded information which is material....'(Modern Insurance Law, John Birds)."*

Madankollu, l-pern tal-vertenza odjerna huwa essenzjalment l-estensjoni tal-obbligu inerenti ta' "*uberrimae fidei*" ghall-policy revival forms li ssottometta John Polidano. Fil-kuntest il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Phoenician Glassblowers vs Malta Export Credit Ins. Co. Ltd (6 ta' Ottubru 2005) fejn gie ritenut illi:

*"Illi wkoll kieku wiehed jitkellem dwar it-temm ta' polza minhabba nuqqas ta' hlas f'waqtu tal-premium....huwa daqstant iehor maghruf u milqugh fid-Dritt li polza ta' assikurazzjoni li tista' tkun waqghet, terga' titghajjex mill-gdid. Dan huwa maghruf bhala r-"revival of policy". F'kaz bhal dan huwa mghallem li ... A revival is not a continuation of the old contract, but the making of a new contract."*

Din il-Qorti ghalhekk tqis li, galadarba biz-zewg "revivals", John Polidano dahal darbtejn f'kuntratt gdid, kien jinkombi fuqu l-obbligu li jizvela lill-assikuratur kull fatt li seta' jkun ta' rilevanza ghall-assikuratur fil-kuntratt ta' assikurazzjoni. Dan jghodd ukoll jekk mhux specifikament mitlub minnu, *multo magis* meta, kif fil-kaz in ezami, l-formoli ta' revival poggew mistoqsijiet specifici li gew imwiegba b'mod mhux veritier.

L-ewwel revival application saret fil-31 ta' Ottubru 2001. It-tieni wahda fil-5 ta' Jannar 2001. Mill-provi mhux kontradetti

jirrizulta illi f'Lulju 2001 John Polidano kien digà gie dijanostikat b'carcinoma tal-kordi vokali. F'Settembru 2001, permezz ta' "bronschopy", instab li kellu wkoll tumur kbir fil-bronchi. Sal-ahhar tas-sena 2001 kien ghadu qieghed jircievi kura ta' "radiotherapy". Dan huwa kollu ppruvat mill-affidavit taz-zewg specjalisti Prof. Stephen Brincat u Prof. Stephen Montefort (fol. 176 et seq.) u l-istorja medika tal-istess John Polidano kif registrata fil-file mediku tieghu esibit in atti (fol. 72 et seq). Ghalhekk meta fil-31 ta' Ottubru 2001, John Polidano rrisponda fin-negattiv ghall-mistoqsijiet (e), (f) u rrisponda "iva" ghal (i), u meta rega' wiegeb bl-istess mod tlett xhur wara, huwa ma kienx qieghed jiddikjara s-sewwa, u b'hekk huwa rrenda l-istess polza bla effett.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet ta' Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited fis-sens li ntqal aktar 'il fuq, tichad it-talbiet kollha.

L-ispejjez jithallsu kollha mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------